# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 154/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Mario Bonello)**

**Vs**

**JOSEPH MICALLEF**

**Illum, 12 ta'Dicembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Joseph Micallef talli (**1**) fit-30 ta'Gunju, 2001, kif ukoll fil-granet ta'qabel, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda, fil-fond "Casa Micallef", Trejqet Fleur-de-Lys, Birkirkara, ma hax hsieb kif mehtieg mic-cirkostanzi sabiex ma jhalliex il-kelb li huwa ghandu fl-imsemmi fond milli jdejjaq lill-girien b'ghajjat jew b'xort'ohra, kif ukoll talli (**2**) sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20 ta'Gunju, 2001. Il-prosekuzzjoni talbet li minbarra l-piena, il-Qorti tordna lill-Joseph Micallef li jnehhi l-inkonvenjent taht penali li jidrilha xierqa.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 20 ta'Lulju, 2001, li biha sabet lill-Joseph Micallef hati ta'dawn l-akkuzi w kkundannatu ghall-Lm30 Multa u ordnatlu sabiex fi zmien hamest ijiem jnehhi l-inkonvenjent mill-fond indikat u, fin-nuqqas, jehel l-piena ta' Lm2 ammenda ghal kull gurnata wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat ir-rikors t'appell ta'Joseph Micallef datat 31 ta'Lulju, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi ma ssibux hati ta' dawn l-akkuzi w tilliberah minnhom u minn kull htija.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSISRAT :**

Illi mill-provi li reghhu nstemghu mill-gdid minn din il-Qorti ta'Revizjoni, hi ma ssib ebda raguni l-ghaliex ghandha b'xi mod tindahal fid-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jew li tasal li tvarja xi haga minn dak li ddecidiet dik il-Qorti kemm ghal dak li huwa l-meritu kif ukoll il-piena nflitta minnha.

L-apprezzament tal-provi li sar minn dik il-Qorti hu wiehed tajjeb, fis-sens li in bazi tal-provi li tressqu matul dawn il-proceduri, dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal biex issib htija fl-appellant.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tichad l-appell ta'Joseph Micallef u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Aldo Testone
Dep.Regsitratur